

Brussell, 28 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9804/26

AGRI 431  
AGRIORG 75  
AGRIFIN 106  
AGRILEG 140

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPRez, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 3331 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'28.5.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-pagamenti bil-quddiem għall-interventi fis-settur tal-inbid

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 3331 final.

Mehmuż: C(2026) 3331 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.5.2026  
C(2026) 3331 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'28.5.2026**

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-pagamenti bil-quddiem għall-interventi fis-settur tal-inbid**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ġie ppubblikat fil-31 ta' Jannar 2022 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023. Is-settur tal-inbid qed jesperjenza sitwazzjoni diffiċli tas-suq fi Stati Membri differenti li taffettwa, b'mod partikolari, ċerti segmenti tas-suq (inbejjed ħomor/rożè). Waqt in-negozjati tal-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115, u (UE) Nru 251/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għall-prodotti tal-inbid aromatizzati, u r-Regolament (UE) 2024/1143 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar it-tikkettar għax-xorb spirituż, kien hemm qbil dwar il-ħtieġa li tiżdied ir-rata massima tan-nefqa prevista tal-interventi msemmijin fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2021/2115 li tista' tiħallas bil-quddiem lill-benefiċjarji minn 80 % għal 90 % bl-għan li jiżdied l-użu ta' tali miżuri u interventi meħtieġa billi jiġi ffaċilitat il-finanzjament tagħha mill-benefiċjarji.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT DELEGAT**

Il-konsultazzjonijiet, li fihom ħadu sehem esperti minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, twettqu fil-Grupp ta' Esperti stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/2116, b'mod partikolari waqt il-laqgħa tas-27 ta' Marzu 2026. Din il-laqgħa tat l-opportunità biex jiġu ppreżentati l-ideat tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-att delegat u dwar il-modifiki meħtieġa tal-Artikolu 15a tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127, u tat l-opportunità wkoll li jkun hemm skambju ta' fehmiet mal-esperti.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

Dan l-att delegat jemenda l-Artikolu 15a tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'28.5.2026

## li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-pagamenti bil-quddiem għall-interventi fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 44(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127<sup>2</sup> jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro.
- (2) Is-settur tal-inbid attwalment qed jiffaċċja volatilità sinifikanti tas-suq f'diversi Stati Membri, u s-segmenti tas-suq tal-inbejjed ħomor u rożè huma affettwati l-iżjed b'mod akut. Din is-sitwazzjoni ġiet rikonoxxuta fil-kompromess politiku li ntlaħaq mit-tliet istituzzjonijiet tal-Unjoni waqt in-negozjati leġiżlattivi dwar il-Proposta għal Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2021/2115 u (UE) Nru 251/2014 fir-rigward ta' ċerti regoli tas-suq u miżuri ta' appoġġ settorjali fis-settur tal-inbid u għall-prodotti tal-inbid aromatizzati, u r-Regolament (UE) 2024/1143 fir-rigward ta' ċerti regoli dwar it-tikkettar għax-xorb spirituż<sup>3</sup>. Għalhekk, sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-implimentazzjoni tal-interventi settorjali l-ġodda inklużi f'dik il-Proposta u sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-interventi settorjali tal-inbid fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK, jenħtieġ li l-Artikolu 15a tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127 jiġi emendat biex tiżdied minn 80 % għal 90 % ir-rata massima tan-nefqa prevista tal-interventi, imsemmijin fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2021/2115, li jistgħu jitħallsu bil-quddiem lill-benefiċjarji. Din l-emenda għandha l-għan li ttejjeb il-pagamenti bil-quddiem fir-rigward tal-interventi settorjali tal-inbid u li żżid l-użu ta' tali miżuri u interventi meħtieġa billi tiffaċilita l-finanzjament tagħhom mill-benefiċjarji.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2022/127 jiġi emendat kif xieraq.

<sup>1</sup> ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2022/127/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/127/oj)).

<sup>3</sup> COM/2025/137 final.

- (4) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rata miżjuda relatata mal-pagamenti bil-quddiem għall-interventi li jridu jiġu implimentati qabel il-ħsad il-ġdid, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127**

Fl-Artikolu 15a tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-pagamenti bil-quddiem imħallsa msemmin fl-Artikolu 44(3a) tar-Regolament (UE) 2021/2116 ma għandhomx jaqbu t-80 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-kostijiet stmati tal-interventi msemmin fl-Artikoli 47, 55, 61, 64 u 67 tar-Regolament (UE) 2021/2115.

Il-pagamenti bil-quddiem imħallsa msemmin fl-Artikolu 44(3a) tar-Regolament (UE) 2021/2116 ma għandhomx jaqbu d-90 % tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-kostijiet stmati tal-interventi msemmin fl-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2021/2115.”.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28.5.2026

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*